MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 143/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Louis Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Louis Schembri talli f'dawn il-Gzejjer, fiz-Zurrieq u fi bnadi ohra, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'eghmil zieni ikkorrompa lil Sharon Schembri ta' sittax-il sena u Dorienne Schembri ta' hmistax-il sena, it-tnejn uliedu;

2. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuni, u cioe` uliedu minuri Sharon u Dorienne Schembri kontra l-volonta` taghhom, u dan bhala mezz biex huma jigu mgieghla jaghmlu xi haga jew joqoghdu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom;

3. Ikkommetta diversi attentati vjolenti ghall-pudur fuq il-persuni ta' uliedu minuri Sharon u Dorienne Schembri;

4. Offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

5. Ghad li kellu l-jedd li jwiddeb lil uliedu Sharon u Dorienne Schembri, hareg barra mill-qies;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Louis Schembri hati ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ma sabitux hati tal-hames imputazzjoni u minnha lliberatu u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet li kkunsidrathom bhala alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmelo Louis Schembri pprezentat fit-12 ta' Lulju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha, cioe` fejn ma nstabx hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu taht l-artikolu 339(h) tal-Kap. 9, tirrevokaha fil-parti kundannatorja taghha, ossia fil-parti fejn gie misjub hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u cioe` taht l-artikoli 18, 203, 86, 87, 31, 20 u 22 u sussegwentement ukoll illi t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet huma alternattivi, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi u, subordinatament, jekk il-Qorti tikkonferma l-htija u tichad it-talba tieghu hawn fuq imressqa, li din il-Qorti tirriforma l-piena lilu moghtija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-affidavit ta’ Sharon Schembri u semghet ix-xiehda taghha;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jwasslux ghas-sejbien ta’ htija fil-grad rikjest mil-ligi; (2) ma nghatawx ir-ragunijiet fis-sentenza appellata kif l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li ghandha tinsab htija; (3) kuntrarjament ghal dak li taghti *ad intendere* s-sentenza appellata, ma jirrizultax li saret pressjoni fuq Dorienne Schembri biex tbiddel il-verzjoni taghha; (4) minghajr pregudizzju ghall-premess, id-delitti msemmija fl-artikoli 86 u 87 tal-Kap. 9 m’ghandhom l-ebda ezistenza legali tenut kont il-provi tal-kaz; (5) minghajr pregudizzju ghall-premess, ma gewx pruvati elementi indispensabbli ghall-ezistenza tad-delitt taht l-artikolu 203 tal-Kap. 9; (6) minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena hija eccessiva u ma tirriflettix ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz.

Mill-aggravji hawn fuq elenkati huwa evidenti li huwa mehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi, b’dan ukoll li, wara li xehdet Sharon Schembri quddiem din il-Qorti, trid tittiehed in konsiderazzjoni wkoll ir-ritrattazzjoni li hija ghamlet tal-verzjoni originali taghha.

Issa, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha

quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Evidentement l-ewwel Qorti, wara konsiderazzjoni tal-provi kollha li ngabu quddiemha, wara li kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9) u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludiet li l-appellant kien hati ta' l-ewwel zewg

imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u dan nonostante ritrattazzjoni li kienet ghamlet Dorienne Schembri.

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti, wara li ghaddiet in rassenja l-provi mismugha, qalet illi:

**"din il-kawza hija karatterizzata b'ammont xokkanti ta' gideb, kongetturi u makakkerija. Thoss il-Qorti li biex tigi stabbilita l-verita`, li kellha taghmel l-ezercizzju ta' friq tax-xiehda biex wiehed ikun jista' japprezza sew il-mod kif zviluppat din l-istorja. Ma tistax pero` ma turix preokkupazzjoni din il-Qorti ghal fatt li meta giet ritrattata l-verzjoni ta' Dorianne dwar l-allegat abbuz, jidher li seta' kien hemm xi pressjoni fuq din it-tifla bl-uzu ta' hutha. Kien minhabba din il-preokkupazzjoni li l-Qorti ghazlet li tisma' x-xhieda f'seduti twal u f'daqqa biex timminimizza l-perikolu ta' ftehim u kongetturi fil-konfront tal-protagonisti ta' din l-istorja. Tant li l-Qorti ghazlet li zzomm ix-xhieda appartati biex tassigura li ma jsir ebda komunikazzjoni bejniethom. Saru wkoll hafna konfronti bejn il-persuni li l-Qorti qed issejjah il-protagonisti u frankament tasal biex timmeravilja ruhek bid-disposizzjoni li ghandhom certa nies, anke jekk ta' eta` tenera, ghal gideb. Il-Qorti fil-fatt hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet: dik li t-tfal veru gew abbuzati, subew pressjoni minghand il-membri tal-familja biex jibdlu l-verzjoni taghhom, u konsegwentement halqu storja li tinvolvi l-komplicita` ta' Stefan Cutajar. Min-naha l-ohra tista' facilment temmen li vera forsi juza dixxiplina ftit iebsa fuq uliedu, veru seta' kkummenta fuq id-dehra ta' saqajhom, kumment dan rikorrenti fix-xiehda tat-tfal u forsi jasal anke biex ikun zejjed u mhux f'postu, pero` minhabba l-grajja ta' bintu Sharon tal-gnien, li biha l-akkuzat zgur kien jaf stante li kienet id-difiza li instigat ir-rakkont taghha, kif ukoll minhabba l-biza' tat-tqala u mill-konsegwenti rabja tal-missier, Sharon u Dorianne ghazlu l-harba. Konsapevoli ta' dan il-fatt, stante li kien direttament involut fiz-zewg okkazjonijiet, Stefan Cutajar daqstant huwa possibbli li ghen u anke instiga din il-harba. Tali instigazzjoni taghmel aktar sens jekk jitwemmen dak**

**li xehdet Sharon li hu anke kien qed jipprostitwiha ….”**

M’hemm l-ebda dubbju li l-protagonisti Sharon u Dorianne Schembri gidbu peress illi taw verzjonijiet konfliggenti dwar jekk missierhom, l-appellant, abbuzax minnhom. Jew abbuza minnhom jew le. Ma jistghux ikunu t-tnejn il-verita`. Huwa wkoll evidenti li l-ewwel Qorti ghamlet dak kollu possibbli sabiex tipprova tiskopri l-verita` u, kif diga` nghad, hija kellha l-vantagg li tisma’ u tara x-xhieda prodotti quddiemha. Minn ezami tax-xiehda ta’ dawn iz-zewgt ahwa u xhieda ohra johorgu wkoll diversi inkonsistenzi li gew elenkati fir-rikors ta’ appell u li ghalihom qed issir referenza.

Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti sostniet li l-ahhar xiehda ta’ Sharon **“ghenet hafna biex twassalha ghall-konkluzjonijiet taghha ghalkemm ma kinitx determinanti, u dan qed jinghad biex ebda htija ghad-decizjoni tal-Qorti ma tinxtehet fuq Sharon”**. Izda s-sitwazzjoni issa hi li Sharon Schembri bidlet il-verzjoni originali taghha u qed tinsisti li dak kollu li kienet qalet fuq l-abbuz ta’ missierha mhuwiex minnu ghax fil-fatt huwa qatt ma abbuzahom sesswalment, u kien Stefan Cutajar li kien inkoraggixxa lilha u lil ohtha jitilqu mid-dar u jghidu lill-Pulizija li missierhom kien jabbuzahom sesswalment.

Fil-fatt fil-mori ta’ dan l-appell, Sharon Schembri kelmet lill-Avukat Dottor Joseph M. Sammut u nsistiet mieghu li dak li kienet qed tghid kienet qed tghidu minghajr ebda pressjoni ta’ xejn u li l-verita` hija dik kontenuta fl-affidavit li hija ghamlet fit-3 ta’ Jannar 2006. Sharon Schembri xehdet quddiem din il-Qorti fl-20 ta’ Frar 2006 wara li din l-istess Qorti anke wissietha dwar il-konsegwenzi jekk jirrizultalha li hija ma kinitx qed tghid il-verita` u mill-gdid insistiet li dak li kienet qalet fuq missierha ma kienx minnu. Qalet li hadd ma kien avvicinaha, li kienet hi li talbet lil ommha biex tehodha ghand l-avukat u li ma haditx dawn il-passi qabel ghax kienet mahkuma minn Stefan Cutajar imma gieha l-kuragg wara li zzewget u allura ghandha lil xi hadd li lest jaqbez ghaliha.

L-ewwel Qorti qalet ukoll li **"tinsab ukoll meraviljata, u dan kien fatt determinanti fil-konkluzjonjiet taghha, l-access facli li kellu l-akkuzat ghal uliedu Sharon u Dorianne meta dan kien <u>suppost</u> ma javvicina l-ebda xhud tal-prosekuzzjoni"**. Issa mix-xiehda ta' Marie Caruana (a fol. 735 *et seq.*), *home manager* ta' Dar Vincenzo Bugeja, jirrizulta illi lil Sharon kienu jcemplulha xi guvintur, ohtha Lucienne kif ukoll in-nanna taghha. Xehdet illi Sharon kienet tghidilha li meta tkun maz-zijiet u man-nanna dejjem jghidulha biex twaqqa' l-kaz. Fit-22 ta' Jannar 2002 imbaghad ix-xhud qalet li kkonfrontatha personalment quddiem ohtha Lucienne u quddiem il-mama` taghha u qaltilha li jekk ma kienx veru li kienet qed tghid fuq il-papa` taghha ahjar titkellem issa **"u bdiet tibki u qaltli 'iva hija gidba dak li ghidt fuq il-papa`'"**. Mela minn din ix-xiehda ma jirrizulta l-ebda kuntatt ta' l-appellant ma' Sharon waqt li kienet l-Istitut. Kwantu ghal Dorianne, mix-xiehda ta' Dorianne Schembri stess jirrizulta li l-appellant qatt ma kellimha fuq l-imputazzjonijiet dedotti u li hija kienet cemplet lil ohtha Lucienne biex tghidilha li ha twaqqa' l-kaz u biex iccempel lil missierha biex titolbu skuza. Hemm imbaghad ix-xiehda ta' Maria Concetta Schembri, omm l-appellant, li, anke f'konfront ma' Sharon Schembri, insistiet li meta, fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, l-istess Sharon Schembri ghamlet xi xhur tghix ghandha, l-appellant ma kienx imur ghandha ghax ma setax. Minn dan kollu jidher li l-appellant ghandu ragun isostni li ma kienx hemm il-pressjoni li l-ewwel Qorti tat *ad intendere* li kien hemm biex inbidlet il-verzjoni ta' uliedu.

Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti, b'referenza ghall-ahhar xiehda li tat Sharon Schembri quddiemha, tghid li hi tal-fehma **"li minghajr xkiel ta' ebda biza' u pressjoni Sharon kienet iktar insistenti u kategorika fuq dak li gralha"**. Kemm inqas xkiel u pressjoni seta' kellha Sharon Schembri meta, kwazi tliet snin wara, ta' 21 sena u mara mizzewga u certament mhux aktar taht il-hakma li seta' kellu fuqha Stefan Cutajar, iddikjarat mill-gdid li ma kienx minnu li missierha kien abbuza minnha sesswalment?

Tajjeb ukoll li ssir referenza ghal dak li xehed Ray Caruana, *home manager* fl-Istitut fejn iddahhlu Sharon u Dorianne Schembri, li qal li Dorianne kienet tilghab fil-verzjonijiet li taghti u li kellu dubji minn dak li kienet tghid Sharon ghax gieli qabduha f’gidba. Edwina Gouder, *social worker* fl-istess Dar, qalet illi qatt ma tkellmu maghha fid-dettal dwar l-allegat abbuz li kien sarilhom minn missierhom – dan jikkontrasta ma’ dak li xehdet Sharon Schembri fl-ahhar xiehda taghha quddiem l-ewwel Qorti, fejn qalet illi kienet tiftah qalbha magha. Marie Caruana, *home manager* fl-istess Dar, ukoll esprimiet dubbji dwar l-allegazzjonijiet li kienu qeghdin jaghmlu z-zewg ahwa.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha li tressqu quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll il-provi li saru quddiem din il-Qorti u, wara li qieset l-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet kollha rizultanti, wara li qieset illi issa ghandna mhux biss ir-ritrattazzjoni ta’ Dorianne Schembri izda anke dik ta’ Sharon Schembri, u wara li ghamlet l-osservazzjonijiet precedenti, din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi li ghandha *lurking doubt* li ma jhallihiex tasal ghal dak il-konvinciment morali espressa mill-ewwel Qorti dwar il-htija ta’ l-appellant.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni u minnha lliberatu, tirrevokaha fil-kumplament, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba’ imputazzjonijiet u minnhom tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------